2026/2221

1.10.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2221

tat-28 ta' Settembru 2026

li tidentifika Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni skont ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP") [1], u b'mod partikolari, l-Artikolu 35(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni nediet sejħa għal espressjonijiet ta' interess bl-għan li tikkonsulta lill-Istati Membri dwar l-identifikazzjoni ta' Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs) possibbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2025/2643. Sal-iskadenza tad-29 ta' Mejju 2026, l-Istati Membri ressqu disa' proposti ta' proġett għal EDPCIs possibbli.

(2) Skont l-Artikolu 35(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2025/2643, il-Kummissjoni stiednet lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex jipprovdu l-għarfien espert tagħhom bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet u mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 35(2), il-punti (b) sa (d) ta' dak ir-Regolament, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri rigward il-proposti ta' proġett.

(3) Skont l-Artikolu 35(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2025/2643, il-Kummissjoni vverifikat li l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati kollha u, fejn rilevanti, l-Ukrajna, ġew infurmati dwar il-ħolqien ta' proġett u ngħataw l-opportunità jipparteċipaw.

(4) B'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta mir-Rappreżentant Għoli u mill-EDA, il-Kummissjoni vverifikat il-konformità tal-proposti ta' proġett għal EDPCIs possibbli skont iis-sejħa għal espressjoni ta' interess mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2025/2643, u pproponiet li ħames proposti jiġu identifikati bħala EDPCIs.

(5) L-EDPCIs identifikati jsaħħu l-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea fl-Unjoni kollha, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-mezzi militari tal-Istati Membri kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2025/2643.

(6) Il-Kunsill eżamina l-proposta għal att ta' implimentazzjoni u qabel mal-identifikazzjoni tal-ħames EPDCIs proposti bil-fehim li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tivvaluta regolarment jekk proġetti addizzjonali jistgħux jiġu identifikati bħala EDPCIs. Għal dak il-għan, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tniedi t-tieni sejħa għal espressjoni ta' interess qabel l-aħħar ta' April 2027 u, abbażi ta' dan, tikkunsidra proposti ulterjuri għall-identifikazzjoni tal-EDPCIs.

(7) Ir-Regolament (UE) 2025/2643 jipprevedi li l-Kummissjoni tkun tista', fejn rilevanti, tipparteċipa fil-EDPCIs elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jippermetti lill-Istati Membri parteċipanti jiddeċiedu li jinvolvu lir-Rappreżentant Għoli u lill-EDA bħala osservaturi ta' EDPCI,

[1] ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proġetti elenkati fl-Anness huma identifikati bħala Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs) skont it-tifsira tal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2025/2643.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

Il-proġetti li ġejjin huma identifikati bħala Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs):

Ir-Riżolutezza Ewropea dwar id-Droni u s-Sistemi kontra d-Droni (DECODER)

Objettivi u karatteristiċi tal-EDPCI	DECODER għandu l-għan li jippermetti l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu kkoordinati tal-mezzi ta' sistemi Ewropej ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u ta' sistemi Ewropej kontra inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet kritiċi fil-pajjiżi parteċipanti. Għandu l-għan li jipprovdi lill-forzi armati Ewropej sistemi tad-droni u kontra d-droni moderni, adattabbli, skalabbli u interoperabbli li joperaw fid-dominji kollha. DECODER ser iħares u jsaħħaħ is-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza industrijali Ewropej. B'mod aktar speċifiku, DECODER ser jappoġġa l-akkwist konġunt tal- mezzi ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u ta' sistemi kontra inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, jespandi l-kapaċità tal-produzzjoni industrijali rilevanti, jiżviluppa soluzzjonijiet ġodda u jaġġorna dawk diġà eżistenti u jistabbilixxi Network Ewropew ta' Hubs tat-Teknoloġija tad-Droni biex jiffaċilita l-ittestjar, u jħaffef l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni rapida tal-forzi.
Lista tal-pajjiżi li ser jipparteċipaw fl-EDPCI mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni	Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Ukrajna.
Id-daqs finanzjarju globali stmat tal-EDPCI	EUR 3 500 000 000 sa 5 000 000 000 sal-2033

Id-Difiża Integrata tal-Qasam Marittimu u ta' Qiegħ il-Baħar (IMSD)

Objettivi u karatteristiċi tal-EDPCI	L-IMSD għandu l-għan li jistabbilixxi arkitettura Ewropea tad-difiża marittima u ta' qiegħ il-baħar federata u interoperabbli li tkun kapaċi ssaħħaħ l-abbiltà tal-pajjiżi parteċipanti li jipprevjenu, jidentifikaw, jiskoraġġixxu u jirrispondu għat-theddid fid-dominju marittimu kollu. Huwa bbażat fuq l-integrazzjoni ta' tliet pilastri ewlenin li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: l-Għarfien tad-Dominju Marittimu, il-Ġlied Navali u l-Interdizzjoni Marittima u l-Gwerra ta' Taħt l-Ilma u f'Qiegħ il-Baħar. B'mod aktar speċifiku, l-IMSD ser itejjeb l-għarfien komuni fid-Dominju Marittimu permezz ta' arkitettura interoperabbli u integrata għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u ser jappoġġa l-iżvilupp industrijali koordinat, l-espansjoni u l-akkwist komuni ta' pjattaformi navali, sistemi ta' taħt l-ilma, sistemi mingħajr bdot abbord, għodod tal-intelligence, tas-sorveljanza u tar-rikonjizzjoni (ISR), u ta' mezzi tal-gwerra ta' taħt l-ilma. L-IMSD ser ikopri wkoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ċivili waqt li jwettaq l-azzjoni ewlenija tal-Patt Ewropew għall-Oċeani dwar l-Għarfien tad-Dominju Marittimu, inkluż mezzi ta' mingħajr bdot abbord. Fl-aħħar mill-aħħar, l-IMSD ser isaħħaħ il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika marittima u ta' qiegħ il-baħar, inkluż tal-portijiet, l-installazzjonijiet offshore, l-kejbils ta' taħt l-ilma u l-pipelines.
Lista tal-pajjiżi li ser jipparteċipaw fl-EDPCI mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni	Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Ukrajna.
Id-daqs finanzjarju globali stmat tal-EDPCI	EUR 43 000 000 000 sa 72 000 000 000 sal-2045

SPACE

Objettivi u karatteristiċi tal-EDPCI	SPACE għandu l-għan li jsaħħaħ il-mezzi spazjali Ewropej fl-oqsma tat-twissija bikrija bbażata fl-ispazju (SBEW), il-komunikazzjonijiet bis-satellita (SATCOM), l-intelligence, is-sorveljanza u r-rikonjizzjoni (ISR), inkluż l-intelligence tas-sinjali (SIGINT), l-għarfien tad-dominju spazjali (SDA), il-pożizzjonament, in-navigazzjoni u s-sinkronizzazzjoni (PNT) u l-gwerra tan-navigazzjoni (NAVWAR), u s-sistemi spazjali reattivi (RSS), b'approċċ ta' diversi missjonijiet. Biex ilaqqa' flimkien il-missjonijiet deskritti hawn fuq, SPACE jinvolvi l-investigazzjoni tal-iżvilupp ta' kostellazzjoni b'diversi missjonijiet. B'mod partikolari, SPACE jiffoka fuq l-akkwist komuni ta' prodotti tad-difiża, fosthom tal-infrastruttura meħtieġa, b'appoġġ għall-għodod tal-ippjanar militari komuni għall-kondiviżjoni tas-SATCOM, għas-servizzi tal-PNT, għall-mezzi tal-ISR u għall-mezzi tal-identifikazzjoni u taċ-ċaħda tan-NAVWAR. Jipprevedi wkoll aktar avvanzi fil-mezzi ibbażati fl-ispazju li huma tant kruċjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti.
Lista tal-pajjiżi li ser jipparteċipaw fl-EDPCI mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni	Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Ukrajna.
Id-daqs finanzjarju globali stmat tal-EDPCI	Sa EUR 24 000 000 000 sal-2034

Id-Difiża Federata u Integrata tal-UE kontra attakki mill-Ajru u l-Missili, inkluża t-Twissija Bikrija (EU-FIAMD)

Objettivi u karatteristiċi tal-EDPCI	L-EU-FIAMD għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri difiża integrata kontra l-attakki mill-ajru u l-missili (IAMD) kollettiva u effettiva, inkluż informazzjoni ta' twissija bikrija u kunsiderazzjonijiet ta' kmand u kontroll. Għandu l-għan li jippermetti lill-pajjiżi jużaw mezzi rilevanti għall-IAMD f'waqthom u bil-kwalità u l-kwantità meħtieġa, u jiżgura li diversi soluzzjonijiet nazzjonali jkunu jistgħu jiġu kkombinati b'mod effettiv u jintużaw b'mod konġunt, fosthom sensuri, effetturi u ambjenti ta' kmand u kontroll. B'mod aktar speċifiku, l-EU-FIAMD jiffoka fuq il-holqien ta' arkitettura komuni ġenerali fil-livell tal-intrapriża u tal-mezzi, iż-żieda gradwali fil-produzzjoni industrijali tas-sistemi eżistenti u l-akkwist komuni ta' prodotti tad-difiża. L-EU-FIAMD ser jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp b'appoġġ għat-teknoloġiji kritiċi li jirfdu l-IAMD, kif ukoll fuq l-użu ta' ambjenti tal-infrastruttura u taċ-ċertifikazzjoni li jippermettu l-ittestjar, il-validazzjoni u t-taħriġ għall-federazzjoni operazzjonali futura. Barra minn hekk, l-arkitettura timmira għal konformità sħiħa mal-prijoritajiet, mal-ħtiġijiet tal-mezzi u mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà identifikati fl-oqfsa tan-NATO.
Lista tal-pajjiżi li ser jipparteċipaw fl-EDPCI mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni	Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Ukrajna.
Id-daqs finanzjarju globali stmat tal-EDPCI	EUR 55 000 000 000 sa 80 000 000 000 sal-2040

L-Għassa tan-Naħa tal-Lvant (EFW)	
Objettivi u karatteristiċi tal-EDPCI	L-EFW għandu l-għan li jipprovdi sforz komprensiv f'diversi oqsma biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntiera tal-Lvant tal-pajjiżi parteċipanti, tiġi żgurata l-protezzjoni tat-territorju kollu tagħhom, u b'hekk tissaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħhom. L-attivitajiet inizjali tal-EFW ser jimmiraw lejn sitt pilastri tal-mezzi: il-kumbattiment fuq l-art, id-difiża kontra d-droni, is-C4ISTAR, il-kontromobbiltà, il-mobbiltà militari u s-sistemi ta' difiża kontra l-attakki mill-ajru u l-missili. L-EFW jinvolvi l-akkwist komuni ta' prodotti, servizzi u infrastruttura b'appoġġ għal dawk il-mezzi, kif ukoll l-espansjoni tal-kapaċità u tal-faċilitajiet tal-produzzjoni rilevanti. Huma mistennija wkoll ittestjar, validazzjoni u taħriġ għall-pjattaformi operazzjonali rilevanti b'appoġġ għall-inizjattiva tal-EFW. L-EFW jinkludi azzjonijiet immedjati għal żmien qasir, kif ukoll żviluppi għal żmien medju.
Lista tal-pajjiżi li ser jipparteċipaw fl-EDPCI mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni	Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Ukrajna.
Id-daqs finanzjarju globali stmat tal-EDPCI	EUR 8 500 000 000 sa 10 000 000 000 sal-2032 Sa EUR 100 000 000 000 sal-2036